PA 5

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 3 JAN 2018
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

| | |
|---|---|
| Nru. tal-kaz: | PA/06872/17 |
| Tip t'Applikazzjoni: | Permess ta' Zvilupp Komplet |
| Appell: | Minn approvazzjoni tal-izvilupp propost |
| Applikant: | Mr. Alfred Filletti |
| Perit: | Mr. Claude Busuttil |
| Proposta: | *To sanction minor changes from PA/1321/16 including change of use in one room in the basement, minor internal alterations in basement and ground floor and minor external alterations* |
| Sit: | 124, Triq it-Teatru l-Antik, Belt Valletta, Malta |

Rikors tal-Appell ta' Nils Ostbirk, Alison Zammit Endrich, Corinne Gerada u Marie Josette Grech Ellul

Jesponu bir-rispett:

Illi l-Kummissjoni tal-Ippjanar approvat l-applikazzjoni hawn fuq indikata, liema decizjoni giet ippubblikata nhar id-29 ta' Novembru 2017;

Illi l-appellanti hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u ghalhekk qed iressqu dan l-umli appell;

Illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti;

**L-ewwel aggravju –**

Illi ghalkemm l-appellanti ressqu l-oggezzjonijiet taghhom ghall-izvilupp propost fl-istadju meta l-applikazzjoni kienet qed tigi kkunsidrata mill-Kummissjoni tal-Ippjanar, jirrizulta li dawn is-sottomissjonijiet gew injorati totalment u ma gewx mehuda in kunsiderazzjoni tant li fir-Rapport taghha l-Awtorita' qalet skorrettement li, "No representations were received." Dan il-fatt hu indubbjament ta' pregudizzju serju ghall-appellanti li gew michuda mid-dritt tad-*doppio esame* tas-sottomissjonijiet taghhom fl-ewwel istanza quddiem il-Kummissjoni. Dan l-aggravju hu sufficjenti

sabiex dan it-Tribunal jordna li d-decizjoni appellata tigi annullata u li l-applikazzjoni odjerna terga tintbaghat quddiem il-Kummissjoni sabiex tisma' u tikkunsidra l-lanjanzi tal-appellanti;

**It-tieni aggravju –**

Illi, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, l-appellanti kollha huma s-sidien tal-appartmenti sovrastanti u fl-istess block ta' bini tas-sit in kwistjoni u kwindi huma direttament milquta bl-istorbju u bl-inkonvenjenzi l-ohra kollha li jgib l-izvilupp kummercjali propost u li ghalhekk jikkostitwixxi *bad neighbourliness* fir-rigward tar-residenzi sovrastanti;

Illi fil-fond in kwistjoni gia jinsabu hames (5) *airconditioning units* f'bitha interna zghira hafna li qeghdin joholqu inkonvenjent bl-istorbju u vibrazzjoni generati mill-istess *units*. L-ispazju ristrett li fih jinsabu dawn il-*units* jamplifika l-istorbju taghhom u jaccelera l-process ta' deterjorazzjoni tal-istess *units* u l-konsegwenti storbju u vibrazzjoni;

Illi l-appellanti joggezzjonaw ukoll ghas-suggerimenti tal-Inginier li jinfethu twieqi ghal ventilazzjoni fuq il-bitha interna residenzjali u dan minhabba l-istorbju u l-irwejjah li jinholqu fl-istess bitha b'inkonvenjenza ghar-residenti appellanti;

Illi in vista tas-suespost l-appellanti jitlobu li jsir *site inspection* u li jitressqu provi u sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smiegh tal-appell;

Illi l-appellanti gia jsofru mill-istorbju generat mill-istess fond in kwistjoni b'rizultat tal-muzika li tindaqq tard bil-lejl u tal-klijenti tal-istess fond fuq l-imwejjed u s-siggijiet imqeghda fit-triq pubblika.

Ghaldaqstant, l-appellanti, filwaqt li jaghmlu referenza ghas-sottomissjonijiet kollha gia mressqa u filwaqt li jirrizervaw id-dritt li jressqu dawk il-provi u sottomissjonijiet kollha lilhom permessi skond il-ligi, jitolbu bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jannulla, jhassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni tal-Ippjanar fuq

riferita u jirrifjuta u jichad l-applikazzjoni ghall-izvilupp in kwisjtoni bin-numru PA/06872/17.

Av. Ian Vella Galea
3/2, Holstein Apts.,
J.F. Marks Street,
San Gwann
ian@vellagalea.com

Lista tax-xhieda:

1. L-appellanti u residenti fil-block in kwistjoni;
2. Il-Perit Kenneth Zammit Endrich;
3. L-applikant;
4. Giuseppe Napolitano u nies ohra li jiggestixxu l-fond in kwistjoni;
5. Esperti u konsulenti mqabbda mill-appellanti;
6. L-esperti kollha mqabbda mill-applikant;
7. Rapprezentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar;
8. Rapprezentanti tal-MTA;
9. Rapprezentanti tal-Lands Department;
10. Il-Kummissarju tal-Pulizija jew rapprezentant tieghu.

Av. Ian Vella Galea
3/2, Holstein Apts.,
J.F. Marks Street,
San Gwann

Rikorrenti: c/o 3/2, Holstein Apts., J.F. Marks Street, San Gwann